MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Numru. 195/2001

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Paul Bond)
vs
Afrah Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata fuq imsemmija Afrah Borg, bint Bolis u Fahia xebba Ahmed, imwielda fit-23 ta' Ottubru, 1974 u dententrici tal-karta tal-identita numru 15978A, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fis-Siggiewi nhar is-16 ta' Marzu 2001 ghall-habta ta' 9.45p.m. bil-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Doris Edwards f'perikolu car uriet dan il-hsieb, b'atti esterjuri, u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha;

Ukoll talli fl-istess gurnata, mill-Qawra, ghall-habta ta' 7.30p.m. ikkomettiet serq ta' karozza tal-ghamla Honda Civic bin-numru tar-registrazzjon FAV064 li l-valur taghha jeccedi LM1000 ghad-dannu ta' Daren Edwards, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin;

Talli fl-istess data, u cirkostanzi ghall-habta ta' 9.30p.m. gewwa s-Siggiewi kkagunat feriti gravi fuq il-persuna ta' Doris Edwards skond kif iccertifika it-tabib Michael Farrugia MD;

Ukoll talli fis-Siggiewi fl-istess data, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Doris Edwards kontra l-volonta taghha jew tatha post biex fih din il-pesuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

Ukoll talli fl-istess data, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha u garret arma regolari u cioe' strument jew strumenti bil-ponta u li jaqtghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li hija kienet qed taghmel delitt kontra persuna, kellha fil-pussess taghha strument li jaqta' u bil-ponta;

Ukoll talli fl-istess data, f'hinijet differenti u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha u garret arma irregolari u cioe' imitazzjoni ta' pistola minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju ta' din is-sena li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) fl-Artikoli 41(1)(b), 214, 215, 216, 217, 218, 86, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 17(b)(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 2, 3, 9, 13, 198, 295, 26 u 27 tal-Kap. 66 u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb illi ma

kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dan waqt is-seduta tal-1 ta’ Lulju ta’ din is-sena.

Illi waqt is-seduta tad-29 ta’ Lulju ta’ din is-sena dehret l-imputata assistita mill-Avukat difensur taghha, deher l-Ufficjal Prosekutur u deher ukoll Dr Mark Said ghall-Avukat Generali li ipprezenta bil-gurament tieghu Nota illi giet immarkata Dokument MS1.

Illi f’din in-Nota illi hija Nota tal-Avukat Generali u tal-imputata gie dikjarat kemm mill-Avukat Generali, kif ukoll mill-imputata in ottemperanza mal-Artikolu 392(a) (5) tal-Kodici Kriminali illi bi qbil bejniethom il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputata, f’liema attwalita ta’ ammissjoni da parti taghha, hija dik ta’ sentejn prigunerija sospizi ghall-perjodu ta’ erba’ snin minghajr pregudizzju ghas-setgha ta’ din il-Qorti skond dak li jiddisponi l-Artikolu 453(a) subsection (3) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Qorti bir-rispett kollu tiddikjara illi din in-Nota ma kellha qatt tigi ipprezentata mill-Avukat Generali u mill-imputata u dana peress illi ma tistax tapplika ghal kaz odjern.

Illi fl-1 ta’ Mejju ta’ din is-sena iddahhlu diversi emendi fil-Kodici Kriminali.

Illi l-Artikolu citat fin-Nota tal-Avukat Generali u tal-imputata u precizament l-Artikolu 392(a) tal-Kodici Kriminali japplika biss meta jkun ghadu ma sarx l-interrogatorju skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.  Pero’ fil-kaz odjern dan l-interrogatorju diga sar

u dan fit-22 ta' Marzu, 2001 (vide fol. 8 tal-process) u matul dan l-interrogatorju l-imputata wiegbet inter alia illi ma kienitx hatja.

Illi l-iskop tal-legislatur meta introduca is-subartikolu (6) tal-Artikolu 370 u l-Artikolu 392(a) kien li tigi evitata l-kumpilazzjoni bid-dewmien li din necessarjament iggib.

Illi fil-kaz odjern il-kumpilazzjoni saret u ghalhekk f'dan l-istadju qatt ma setghet saret in-Nota imsemmija. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tordna l-isfilz ta' din in-Nota tal-Avukat Generali u tal-imputata.

Illi l-Qorti, a bazi tal-ammissjoni tal-imputata illi kif diga intqal saret waqt is-seduta tal-1 ta' Lulju ta' din is-sena wara illi kienu diga intbaghtu l-Artikoli mill-Avukat Generali permezz ta' Nota tal-5 ta' Gunju ta' din is-sena, taqta u tiddeciedi billi issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju ta' din is-sena.

Illi l-fatti illi taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni kontra l-imputata huma s-segwenti :
Fis-16 ta' Marzu tas-sena 2001 il-pulizija tas-CID gew infurmati li f'dar sitwata fi Triq Enrico Vassallo is-Siggiewi kien hemm persuna li x'aktarx kienet marret hemm hekk biex tikkommetti serq. Din il-persuna kienet inqabdet fil-fatt u giet mizmuma hemm hekk.

Illi meta l-pulizija waslu fuq il-post indunaw illi dan ma kienx kaz ta' serq, imma kienet dahlet persuna fil-fond in kwistjoni sabiex toqtol lil certu Doris Edwards. Fuq is-sodda tal-konjugi Edwards instabet tape kannella, zewg settijiet ta' handcuffs, mobile phone u stockings tan-nylon. Is-Sinjura Edwards kienet fid-dar fi stat ta' shock.

Illi meta kellmet lill-pulizija, Doris Edwards spjegat illi hija kienet ghadha kif irritornat id-dar flimkien maz-zewg uliedha minuri u rat il-karozza ta' zewgha barra id-dar. Hija dahlet id-dar, bdiet issejjah lil zewgha, pero' hadd ma irrisponda. Dahlet fil-kcina, umbaghad dahlet fil-kamra

tas-sodda. Kif is-Sinjura Edwards dahlet fil-kamra tas-sodda innotat illi l-lampshade tan-naha taghha kienet mixghula. Kien hemm ukoll pygama fuq il-lampshade. Hija ghalhekk issuspettat hazin. Ippruvat tohrog mill-kamra u kif daret biex tohrog rat lill-imputata fuq imsemmija li kellha sikkina f'idejha. Is-Sinjura Edwards inhasdet u bdiet tghajjat ghall-ghajjut. L-imputata kellha is-sikkina f'idejha u bl-id l-ohra ippruvat taghlaq il-bieb tal-kamra, pero' is-Sinjura Edwards marret fuq l-imputata u issieltet maghha biex tehdilha is-sikkina. L-imputata ma hallitx lil Doris Edwards tohrog mill-kamra tas-sodda, pero' Doris Edwards irnexxielha tohrog u issieltet mal-imputata sabiex din tal-ahhar ma taghtihiex daqqiet ta' sikkina. L-imputata giet fl-idejn ma Doris Edwards u waqghu it-tarag. Fil-frattemp is-sikkina waqghet minn idejn l-imputata u gabritha Doris Edwards sabiex tipprotegi ruhha. Effettivament, Edwards tat xi daqqiet ta' sikkina u laqtet lill-imputata fuq imsemmija. L-imputata qamet, hadet il-karozza tar-ragel ta' Doris Edwards u saqet lejn id-depot tal-pulizija. Mid-depot l-imputata ittiehdet bl-ambulanza l-isptar San Luqa. L-imputata fuq imsemmija stqarret mal-pulizija illi kellha relazzjoni mar-ragel ta' Doris Edwards li jismu Darren Edwards. Din ir-relazzjoni kienet ilha ghaddejja xi sitt xhur u peress illi Doris Edwards kienet qeghda tigi bejniethom f'din ir-relazzjoni hi u Darren Edwards kienu jiftehmu illi jeliminaw lil Doris Edwards. L-imputata stqarret mal-pulizija illi marret fid-dar tas-Sinjuri Edwards sabiex toqtol lil Doris Edwards u dana skond hi peress illi kienet ippjanat illi taghmel hekk ma Darren Edwards.

Illi l-pulizija tkellmu ma Darren Edwards illi cahad kategorikament l-involviment jew il-partecipazzjoni tieghu f'dan l-allegat komplot biex tinqatel martu. L-imputata kienet regghet irrilaxxjat stqarrija ohra lill-pulizija fejn ikkonfermat dak kollu li kienet qaltilhom qabel u ziedet tghidilhom illi kien Darren Edwards, li kien parti minn dan il-pjan biex tinqatel martu, li kien taha c-cwievet tal-karozza u kien taha wkoll ic-cwievet tad-dar sabiex jiffacilitalha d-dhul fid-dar. Effettivament il-pulizija kienu sabu sett cwievet fil-basket tal-imputata li kienu jifthu l-'locks' tal-'main door' tal-fond tas-Sinjuri Edwards.

Illi jirrizulta wkoll illi l-imputata fuq imsemmija kienet marret fuq il-post permezz ta' Honda Civic u din il-karozza kienet ta' Darren Edwards. L-imputata kienet ukoll uzat din il-karozza sabiex baqghet sejra d-depot. Skond ma stqarret l-imputata lill-pulizija Darren Edwards kien taha wkoll ic-cavetta tal-garage, pero' kien qalilha biex ma tuzax din ic-cavetta peress illi l-garage ma jinfidx mad-dar, kien immarkalha liema kienet ic-cavetta tad-dar, kien taha wkoll l-ispare keys tal-karozza tieghu illi normalment jinzammu gewwa d-dar u, dejjem skond l-imputata, Darren Edwards kien qalilha sabiex tmur id-dar tieghu bil-karozza tieghu sabiex ma tqajjimx suspett ma girien.

Illi l-imputata kienet stqarret mal-pulizija illi kienet tiltaqa ma Darren Edwards fi kmamar fil-lukanda Santana. Saret indagini mill-pulizija, illi fil-fatt esebew ircevuti, id-Dokumenti DS4, DS5 u DS6 li juru illi l-imputata kienet tikri l-kmamar fil-lukanda Santana. L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll illi l-imputata dejjem baqghet konsistenti fil-verzjoni illi tat lill-pulizija.

Illi gie stabbilit mill-pulizija illi l-imputata dahlet fil-fond tas-Sinjuri Edwards mhux sabiex taghmel xi serq u dana peress illi diversi oggetti prezjuzi thallew fuq it-twaletta u ma intmessux. Gie stabbilit ukoll illi Doris Edwards fl-ebda hin ma sofriet daqqiet, jew daqqa ta' sikkina.

Illi meta l-Avukat Generali baghat l-Artikoli fil-5 ta' Gunju tas-sena 2002 ghal xi raguni huwa deherlu illi mill-kumpilazzjoni odjerna ma setghetx tinstab htija jew htijiet dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' attentat ta' qtil u effettivament huwa ma inkludix l-Artikoli illi japplikaw ghal din l-akkuza. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata fuq imsemmija mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Illi wkoll ghal dak illi jirrigwarda it-tielet imputazzjoni, dik illi l-imputata ikkagunat feriti gravi fuq il-persuna ta' Doris Edwards, il-Qorti ezaminat ic-certifikat mahrug mit-Tabib Farrugia, minn fejn irrizulta illi ghalkemm huwa iccertifika il-griehi illi sofriet Doris Edwards bhala ta' natura gravi

huwa ghamel dan b'kondizzjoni illi Doris Edwards kellha tigi ezaminata minn dentist.

Illi ma tressqet l-ebda prova li tindika li fil-fatt Doris Edwards sofriet griehi ta' natura gravi mertu tal-incident in kwistjoni u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn din it-tielet imputazzjoni, b'dan illi wara li l-Qorti rat l-Artikolu 221 (1) tal-Kap. 9 issib lill-imputata fuq imsemmija hatja talli ikkagunat offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Doris Edwards.

Illi mill-bqija l-Qorti issib lill-imputata fuq imsemmija hatja tat-tieni, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju, 2002.

Illi ghal dik illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputata mal-ewwel ikkoperat mal-pulizija, kienet hi stess illi marret id-depot u qaltilhom b'dak illi kienet ghamlet. Fl-istqarrija taghha ammettiet ukoll dak illi kienet ghamlet u kif appena gew l-Artikoli minghand l-Avukat Generali hija irregistrat ammissjoni f'dawn l-atti. Il-Qorti ikkunsidrat wkoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghalhekk tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputata, misjuba hatja kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija, liema prigunerija ghandha tkun sospiza ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 u qeghda taghmel ukoll ordni ta' supervizzjoni li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hatja taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tonqos milli thares kull ordni illi taghtiha l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda taghti kopja ta' din l-ordni minnufih lill-imsemmija Marianne Zammit.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 19 tal-Kap. 66 u tordna l-konfiska tal-armi kollha illi gew elevati mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz favur il-Gvern ta' Malta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------